*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 41**

**It-Tnejn 19 ta' Settemrbu 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**41.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri.

**41.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 38 li saret Nhar it-Tnejn 16 ta' Awwissu 2022:</u>***

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsill is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier il-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**41.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 39 li saret nhar it-Tnejn 16 ta' Awwisu 2022.</u>***

**41.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 40.2.2.1 rigward il-parkeġġ tal-iskola fejn spjega illi d-Direttur tal-Edukazzjoni is-Sinjura Maria Galea ma taqbilx li jiġi iffirmat il-*memorandum of understanding* qabel ma ssir il-garanzija bankarja. Huwa kompla jgħid illi hija qalet sabiex jekk qed jsibu xi problema min-naħa tal-bank għandhom jikkomunikaw magħha. Huwa kompla jispjega illi t-tabelli twaħlu kollha u anke tneħħew iż-żewġ tabelli li kienu jindikaw li jistgħu jidħlu ir-residenti fil-ħin tal-iskola peress li l-Lesa u l-puluzija ma kienux ser jibgħatu uffiċjal waqt il-ħin tal-iskola jekk jibqu imwaħlin. Huwa kompla jispeja illi il-Prinċipal u anke is-Surmast ma qablux li jitneħħew pero` din ma kienetx għażla.

**41.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 40.2.2.2 fejn qal illi l-istabilment Ta' Ninu wettaq ix-xogħol li kellhu jagħmel fejn il-*belishia crossing* tresqet u ż-żewġ pilastri tneħħew u anke saret *refreshing taz-zebra crossing* u daħħal il-*conopy* il-ġewwa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*belishia crossings* u r-*refreshing* saru mill-Kunsill filwaqt li l-awtorita` regolatorja f'din il-kwistjoni hija l-Palnning Authority.

**41.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 40.2.2.3 rigwrad l-arblu fejn qal li l-arblu għadu ma twaħħalx għaliex il-konkos ried jieħu ż-żmien biex jinxef u huwa tal-opinjoni illi l-blokka tiġi imdawra bit-travertine.

**41.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 40.2.7 fejn qal li l-fondi li rbaħna mir-Reġjun li kienu qalu li ser jintużaw għat-tizjin tat-toroq. Wara li ra l-appliakzzjoni ssottomessa qal li huwa tal-opinjoni illi jekk l-allokazjoni tal-banda qeda diġa fil-budget tal-iskema allura dawn il-fondi jistgħu jintużaw xorta għal banda iżda jdoqqu iktar minn darba.

Kien hemm qbil illi l-fondi li ser jingħataw mir-Reġjun jiġu utilizzati għal banda waqt il-christmas village.

**41.2.2.5** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkelmet fuq paġna 10 paragrafu 40.9.1 rigward l-*iscooter*s fejn issuġerit illi nitkelmu mal-Bolt sabiex il-Kunsill jgħamel *designated parking* u tinbidel is-sistema biex kif meta jieħdu r-ritratt u jibgħatuh il-bolt jekk l-*iscooter* ma jkun ipparkjat ġo *designated area* jibqaw jinġibdu flus mil-card.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġewwa San Ġwann għamlu *designated area* fuq postijiet wesgħin fuq il-bankina.

Is-Sindku qal li dawn qan ikunu ta nkonvenjent għar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa tal-opinjoni li jiġu *designate*d viċin *bus stop.*

Kien hemm qbil li jiltaqu mal-bolt u nibagħtuhom il-proposti tagħna filwaqt li niċċekjaw ma Tmalta fuq il-parkeġġ li qedgħin isiru għal *e scooters*.

**41.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 paragrafu 40.2.7 fejn qal li n-numru tat-telefon tiegħu jista jitpoġġa ġon-*notice board.*

**41.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 40.2.13 fejn qal li ilna iktar min xahar mingħajr ġardinar. Huwa qal li anke intbaghtet ittra uffiċjali sabiex il-kuntrattur jgħidilna min hu l-ġardinar u xi kwalifiki għandu iżda għadu ma irrispondiex.

Is-Sindku qal illi illum ġie appuntat il-ġardinar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill irid jirċievi bil-miktub mingħand il-kuntrattur.

Id-diskussjoni tkompliet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li natuh ġimgħatejn ċans u jekk ma jitħawlu l-fjuri fil-konok u *central stips* fi Triq ix-Xatt u anke jagħtina l-informazzjoni fuq il-ġardinar tinħareġ default notice.

Is-Sindku qal li diġa beda jħawwel.

- Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni illi l-bins il-ħomor għandhom jitbattlu sew għaliex qed jaqa ż-żiebel bejn il-bin u il-landa taż-żingu u għandhom jitbatlu.

  Is-Sindku qal li dawk qed jitbatlu mill-kuntrattur tagħna. Għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur biex il-ħmieġ li hemm fil-qiegħ taħt il-*bin* jitnaddaf.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6.35pm***

41.2.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri Camilleri fuq paragrafu 40.2.2.1 rigward il-parkeġġ tal-iskola.

Is-Sindku reġa spjega.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bank biex tinħariġlu garanzija bankarja jrid ikun hemm il-kuntratt iffirmat pero` se jara kif jagħmel biex xi ħadd iċedi u jkun jista jipproċedi ix-xogħol.

41.2.2.9 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 40.2.6 fejn qal li wara li sar programm ġdid mhux qed jara *improvements*.

Id-diskussjoni tkompliet sabiex tinstab soluzzjoni fuq din il-problema.

Il-Kunsill qabel sabiex il-*contracts manager* jibda jħejji rapport ta' kulljum fuq il-knies wara li jmur idur it-toroq.

41.2.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 40.2.7 fuq l-attivita` tal-Milied sabiex jitħejja sotto kumitat u hu anke issuġerixxa li jkun hemm band lokali.

Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm sotto kumitat imma l-aħjar li jiltaqu bejnithom l-ewwel umbgħad jinħatar.

41.2.2.11 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal jekk hux ser jsir fuq id-dawl tal-Milied u jekk hux ser nitolbu il-wasteserv

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li lanqas tas-sena li għaddiet ma tawna għaliex kien hemm xi diżgwid fuq l-ammont u saħaq dwar l-importanza li jkolna bil-miktub li se jtuna u kemm ser jtuna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk nistgħu nitolbu lil MTA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-MTA jagħtuna kull sena madwar 3000euro.

Is-Sindku qal li huwa important li nitkelmu miegħu.

**41.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

41.3.1 **Reflector Triq is-Salini ta Ninu:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li wara li tressqet il-*belishia lights* ta' Triq is-Salini quddiem ta Ninu huwa tal-opinjoni illi jsir *reflector* faċċata sabiex tkun ktar viżibli.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

41.3.2 **Friża Fi Triq is-Salini faċċata ta' Al Cafe:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ilhu jilmenta illi hemm friża fuq il-moll li qed tintuża mis-sajjieda.

Is-Sindku qal li prova jikkomunika miegħu diversi drabi u anke ħallilu nota fuq il-friża.

Il-Kunsill qabel unaninament li titneħħa u li javża lill-puluzija wkoll biex jieħdu azzjoni.

41.3.3 **Cir AKL 2022/087 Proġett 30 Anniversarju Gvern Lokali (35/3629/22/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal l jridu jiddentifikaw xi ħaġa li hija relatata ta' Marsaskala.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara il-korrispondenza u qal li din tista tkun relatata ma xi monument jew postijiet u mhux bilfors ma personaġġ.

Is-Sindku qal li fil-passat kienet saret attivita` fuq hekk fuq is-salini tal-melħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li it-Torri ta' San Tumas huwa sinonimu ma Marsaskala ukoll.

Il-Kunsill qabel li s-salini tal-melħ huma sinonimi mal-lokal u bħala *landmark* it-Torri ta' San Tumas.

41.3.4 **International Ednurance Competetion Malta National Team (35/3647/22/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex issir din l-attivita` tal-ġiri ser issir bejn l-14 u 16 ta' Ottubru u talbu li jkun hemm *no parking fil-cark park* tal-pixxina, il-latrina taż-Żonoqr tibqa miftuħa 24hr, jpoġġu xi gazeboos u jkolo supply tad-dawl.

Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri staqsa x'apparat se jkollhom bżonn.

Il-Kunsill qbale li ma jsibx oġġezzjoni sakemm jottjeni il-permessi neċessarji u nsaqsuhom f'amperaġġ li se jkollom bżonn.

41.3.5 **Smart Playgrounds Proposed Sites (35/3560/22/I( (3614/22/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ltaqgħu mas-Sur Nicholas Spiteri fi ħdan il-Reġjun Xlokk għaliex hemm skema fuq smart *playingfield equipment* għal Kunsilli lokali li tammonta sa massimu ta' €100,000.00.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi waqt din il-laqgħa ġie mistoqsi jekk il-fondi hux ħa nirċevuhom qabel ma jibda l-proġett jew wara li jispiċċa l-proġett għaliex din tgħamel differenza fil-*cashflow* tal-Kunsill, pero` għand ma għandiex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fil-bidu kien hemm id-diskussjoni sabiex dan il-proġett jsir ħdejn il-bini tal-Kunsill iżda sabiex ma noħolqux *playing area* oħra li tirriżulta f'iktar *maintenance* u anke jkollna noħorġu il-finanzi sabiex issir il-bażi, huwa qal li tkellem mal-Perit tal-Kunsill sabiex dawn il-fondi jinqasmu fuq apparat ġdid u jitpoġġa fi Ġnien Antoine Randich li jammonta għal €73,000 u l-kumplament jintefaq fuq żewġ *playing structures,* li ġodda fi Ġnien San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-iskema li l-Kunsill kien rebaħ tal-LESA kien ser jbiddel f' *areas* fi ġnien San Tumas pero` minħabba spejjeż addizjonali għaliex ser jkun hemm bżonn tinbidel il-bażi, minflokk ser jinbidlu 2 area taħt l-iskema tal-Lesa u it-tnjen l-oħra jinbidlu minn din l-iskema

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa ma jaqbliex illi l-apparat *audio column* u *audio zone* jintużaw għal Ġnien San Tumas minħabba li ma jifilħux għal elementi tal-baħar u huwa tal-opinjoni illi jsir aparati adekwat għal hemmekk.

Kien hemm qbil li nitolbu lil Perit tagħżel apparat iktar adekwat għal elementi tal-baħar.

41.3.6 **<u>Pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi bħala finanzi il-Kunsill fil-preżent għandu ċirka €317,000.00 fis-*savings account* u €170,000.00 fil-*fixed account* u meta ħa inkonsiderazzjoni l-ispejjeż li għad fadal x'joħroġ tal-finishes tal-Kunsill, ta' din l-iskeda tal-pagamenti u l-*commitments* li diġa iddeċieda għalijom bħal l-iskema tal-bandli tal-LESA, ir-*rubber flooring* ta' Ġnien Antoine Randich, Milied Skaliż, il-funtana kif ukoll- l-inġagg tal-iskrivana minflokk tibqa taħt l-iskema tas-CIES. Fadal ukoll indaħlu il-flus tad-DPF funds fejn fadlilna biex noħduhom, it-tisbieħ ta Ġnien Sant'Anna mill-gondi tal-Gal Xlokk, qal li dawn huma kollha sitwazzjonijiet li jaffetwaw il-*cashflow* tal-Kunsill u b'hekk irridu noqogħdu attenti illi kull ħaġa li ssir fil-kunsill li trid issir *works order* u mhux b'ordni diretta mal-kuntratturi u jsiru biss affarijiet urġenti.

Huwa kompla jisħaq li l-Kunsill ma jistax jkompli japplika għal kull skema. Huwa qal li l-Kunsill ma jaffordjax japplika għal skema oħra. Huwa qal li l-fondi tas-safar huwa magħluq u s-sena d-dieħla niffukaw biss fuq l-AGM sakemm inkunu f'pożizzjoni finanzjarja tajba sakemm jinfurmahom hu. Huwa qal li iktar kmieni issemma sabiex issir it-*travertine* fejn dan mhux neċessarju u ma hemmx għalfejn jsir għalissa lanqas. Huwa kompla jgħid li għas-sena d-dieħa kull skema li mhux 100% *financed* ma nistgħux napplikaw għalija.

Kien hemm qbil illi nitkellmu mal-Ministru ikkonċernat rigward il-fondi tal-DPF funds

**41.4** ***<u>Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**41.5** ***<u>Rapporti:</u>***

Ma kienx hemm rapporti.

**41.6** ***<u>Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:</u>***

Ma kienx hemm items oħra.

**41.7** ***<u>Korrispondenza:</u>***

41.7.1 **<u>Pagament għal kollezzjoni tal-iskart imħallat (35/3509/22/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Green Mt reġa bgħat invoice ta' ċirka €8,000.00 l-iskart riċiklatt ikkonteminat.

Is-Sindku qal li kien hemm 2 kontinutri ħdejn Pjazza Mifsud Bonnici li kienu qed jitbatlu it-Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt iżda meta jara illi jkun skart kontaminat ma jbatlux u jinġabar mal-borsa is-sewda. Huwa qal li dan il bins ikunu mgħaluqa biċ-ċintorini. Huwa qal li tajjeb li nkunu nafu minn fejn qed jiġbor kontaminat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li aħna ma għandiex prova minn fejn qed jinġabar il-kontaminat.

Is-Segretarju Eżekttiv qal li għandna direttiva mingħand id-Direttur tal-Dipartiment tal-Kunsill Lokali sabiex ma nħallsux.

41.7.2 **International endurance competition Malta National Team (35/3536/22/I)**

Din il-komunikazjoni ġiet diskussa iktar kmieni.

41.7.3 **Direzzjoni fi Triq Ġuzeppi Lanzon (35/3329/22/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi fil-passat id-direzzjoni tat-traffiku kienet minn Triq il-Kappara tidħol għal Triq Ġuzeppi Lanzon u għandha terġa issir hekk.

**41.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:***

**41.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenti dawn il-pagamenti li daħlu tard

- RSS claim 19360 overtime Rss worker July 2022 li jammonta għal €655.04
- Is-Sur Silvio John Farrugia għas-servizz tal-fotografija f'Jum Marsaskala invoice no 2 li jammonta għal €200.00

**41.8.2** Il-Kunsilier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament 4129 tal-Bava jekk dawn humiex flus li ser nerġu indaħlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li iva, qallu li dawn huma fondi li għalkemm aħna għamilna l-impossibli sabiex naderixxu mad-*deadlines* issa irridu nistennew sabiex nirċievu il-flus.

**41.8.3** Il-Kunsilier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament 4122 tal-RSS fejn xtaq ikun jaf x'inhu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dak huwa *overtime* tal-ħaddiem tal-RSS għax-xahar ta' Awwissu 2022.

**41.8.3** Il-Kunsilier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament 4131 tas-Sur Giovanni Camilleri jekk hux inkluż installazjoni tal-arblu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li iva.

**41.8.4** Il-Kunsilier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament 4130 tal Catbros staqsa x'inhi.

Is-Sindku wieġeb li probabbli kien hemm ħofra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għahekk importanti li jsir kollox b'works order u mhux ha jitħalsu pagamenti li ma kellhomx works order.

**41.8.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fi ftit laqgħat li għaddiet konna tlabna lil Catbros sabiex jsir id-dawl ħdejn il-monument tad-diversita pero in-naħa tal-kuntrattur Nexos diġa xtara id-dwal biex filkas jekk ser nisspospendu ix-xogħol, għandna inħalsu lin Nexos tad-dawl peress li diġa xtrahom.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsill qabel li nġibu kwotazzjoni tax-xogħol li jrid isir min-naħa tan-Catbors

**41.8.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa pagament 4197 tal-Kamoy jekk hux xogħol fuq l-istrutura tal-arblu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li iva.

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**41.9 Mozzjonijiet:**

**41.9.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B. Camilleri Mario Calleja u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (114 – 10/9/21):**

*"Jipproponi li l-Kunsill japprova li fl-1 t'Ottubru 2022 issir clean up min naħa tal-Bidni wara li hu stess tkellem ma ħafna residenti u qablu li jieħdu sehem. Hemm bzonn li l-Kunsill jisupplixxi zewġ skips boroz u ngwanti kif ukol li jkun hemm il-kuntrattur tal-ħaxix idur sabiex ineħħi l-ħaxix ħazin.''*

Il-Kunsill qabel unaniament sabiex issir clean up ġewwa il-bidni u din ser ikkordinata mal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u tiġi orgainzzata waqt il clean up the world u titħabbar fil-paġna tal-Kunsill. IL-Kunsill qabel li nġibu skip u naraw il-possibilita li nitolbu skip lill-kuntrattur bħala sponsorship u nixtru il-boroż.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri fakkar li kellhu jsir bin tal-klieb fil-bajja San Tumas fejn kien hemm l-iskips u l-bidni.

Is-Sindku qal li għabdba noħduha regola illi fiż-żona residenzjali ma ngħamlux *doggy bin*s għaliex qed jkolna naqalawhom.

**41.10 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |